



# 50 Sena Komunità San Ġużepp Ħaddiem Birkirkara

**Birkirkara matul iż-żmien**

Birkirkara minn dejjem kienet meqjusa bħala waħda mill-eqdem parroċċi f' Malta. Nafu fiż-żgur li fis-sena 1402, Birkirkara diġà kellha l-parroċċa tagħha, bi Knisja Parrokkjali fil-limiti magħrufin bħala 'Tal-Għargħar', illum parti mir-raħal ta' San Ġwann. Din il-knisja, iddedikata lil Sant' Elena Reġina, kienet il-Parroċċa għal madwar kwart ta' Malta, b' territorju li kien jestendi saħansitra sat-truf tal-irħula ta' San Ġwann, Tas-Sliema, l-Imsida u Ħ' Attard tal-lum.

Maż-żmien, diversi rħula li qabel kienu jagħmlu parti mill-Parroċċa ta' Birkirkara bdew jiġu abitati b' rata mgħaġġla. Dan wassal biex iktar ma beda jgħaddi żmien bdew joħorġu parroċċi ġodda biex, tista' tgħid, kull raħal li qabel kien fit-territorju parrokkjali ta' Birkirkara inqata' f'parroċċa għalih. F'uħud minn dawn l-irħula ħarġu saħansitra iktar minn parroċċa waħda, tant li llum il-ġurnata il-Parroċċa ta' Sant' Elena għandha wkoll it-titlu ta' Arċi-Matriċi.

Minkejja dan, ir-raħal ta' Birkirkara għal diversi snin baqa' kollu kemm hu jifforma parti mill-Parroċċa ta' Sant' Elena. Waħda mir-raġunijiet għal dan kienet li l-abitazzjonijiet f'Birkirkara kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, imdawrin madwar iċ-ċentru tar-raħal. Għaldaqstant, il-Parroċċa ta' Sant' Elena kienet taqdi tajjeb il-bżonnijiet tan-nies li kienu jgħixu f' Birkirkara dak iż-żmien.

Dan ix-xenarju beda jinbidel, speċjalment wara t-Tieni Gwerra Dinjija, fejn ir-raħal tagħna beda jespandi ġmielu. Żoni f'Birkirkara li sa dak iż-żmien kienu kompletament rurali bdew jinbnew b' rata mgħaġġla. Bdew jiżdiedu t-toroq u jittellgħu residenzi ġodda. B' hekk beda joktor sew ukoll in-numru ta' residenti ġodda.

**L-iżvilupp fil-'Bwieraq'**

Waħda miż-żoni li esperjenzaw dan it-tibdil sinjifikanti mit-tieni nofs tas-seklu l-ieħor 'l hawn, kienet dik il-parti ta' Birkirkara li tmiss mar-raħal ta' Ħal Balzan. Sa dak iż-żmien, dawn l-inħawi ta' Birkirkara, magħrufin bħala 'il-Bwieraq', kienu ddominati minn diversi għelieqi u kienu pjuttost inabitati, ħlief għal xi ftit irziezet mxerrdin l hemm u 'l hawn u l-mitħna magħrufa bħala 'tal-Maħlut'[1].

Meta din iż-żona bdiet tiġi żviluppata, saret popolari ferm ma' diversi familji żgħażagħ, li ġew attirati biex jgħixu fiha mill-erbat irjieħ ta' Malta. Dan il-fatt, flimkien ma' żvilupp simili li eventwalment sar ukoll fi nħawi bħall-Imrieħel, żiedu drastikament il-popolazzjoni ta' Birkirkara, li kkonfermat ruħha bħala l-ikbar lokalità f' Malta f' dik li hija popolazzjoni[2].

Il-komunità ġdida li ġiet stabita f' din il-parti ta' Birkirkara, beda jkollha wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tagħha. Fost dawn kien hemm il-bżonnijiet spiritwali. Minħabba li l-imsemmija żona kienet kemmxejn imbegħda miċ-ċentru tal-lokalità, ma kienx konvenjenti wisq għall-abitanti l-ġodda biex jinqdew mill-Parroċċa tagħhom ta' Sant' Elena. Fil-fatt, għall-quddies ta' kuljum u sagramenti oħra, ħafna mill-abitanti kienu jirrikorru fil-

*Ikompli minn paġna 75*

Knisja ta' San Alfons Maria de Liguori, immexxija mill-Patrijiet Karmelitani-Skalzi (Tereżjani), fit-tarf tal-wied[3].

Iżda m' għandniex għalfejn ngħidu, ħafna drabi wieħed xorta kellu bżonn jirrikorri għas-servizzi offruti mill-Parroċċa tiegħu. Iktar ma bdew jiżdiedu r-residenti, iktar bdew jinħassu dawn il-bżonnijiet. Għaldaqstant, fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, bdiet il-ħidma biex din iż-żona ta' Birkirkara tinqata' f' Parroċċa għaliha. Dan kellu jwassal biex, għall-ewwel darba wara tant mijiet ta' snin, parti mdaqqsa minn Birkirkara ma tibqax fit-territorju tal-Parroċċa ta' Sant' Elena.



**It-twelid ta' Komunità ġdida**

Bit-tħabrik tal-Kapitlu Elenjan, instab benefattur li kien lest joffri biċċa art biex fuqha tinbena knisja ġdida f' din iż-żona. Dan il-benefattur kien ċertu Ġużeppi Briffa, magħruf bħala 'tal-galletti'. L-art, li kellha dawra ta' madwar 4,000 pied kwadru, kienet tinsab bejn żewġ toroq ewlenin f' dawn l-inħawi: Triq Bwieraq u Trejqet Anġlu Mallia[4]. Il-pjanta tal-knisja l-ġdida tħejjiet mill-arkitett Roger Degiorgio, mid-ditta ta' periti ta' Mortimer & Degiorgio. Il-knisja kellha tinbena fuq stil tipiku neo-romanesk[5]. Bħala bennejja ġew inkarigati l-aħwa Abraham u Nazzareno Schembri[6].

Kien nhar il-Ħadd 12 ta' Settembru 1965, propju 50 sena ilu, meta tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' din il-knisja ġdida minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, assistit mill-Prepostu u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena. Il-knisja ġiet iddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem . Għal din iċ-ċerimonja, fuq is-sit fejn tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' dan it-tempju, kienet inġiebet ukoll il-vara artistika ta' San Ġużepp li tinsab meqjuma fil-Bażilika ta' Sant' Elena, xogħol fl-injam tal-iskultur Furjaniż Vincenzo Dimech tas-sena 1826.

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan it-tempju beda għaddej b' ċertu ritmu u wara sentejn il-knisja kienet kważi lesta biex tintuża. Dan kien ankè dovut għall-fatt li l-Prepostu, Monsinjur Ignazio Sciberras-Psaila, kien ħa interess personali fit-tlestija ta' din il-knisja, tant li diversi drabi kien jidher fuq is-sit fejn kienet qed tinbena.

Fil-fatt, fl-1 ta' Mejju 1967, propju fil-Festa Liturġika ta' San Ġużepp Ħaddiem, kienet tqaddset l-ewwel quddiesa u l-knisja saret waħda sagramentali. Sena wara, nhar id-29 t' April 1968, sar it-tberik tal-knisja l-ġdida minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi. Sa din id-data, kien tlesta għal kollox il-bini u l-knisja kienet tgħammret bl-attrezzaturi meħtieġa kollha. Barra minn hekk, kien qed isir ukoll il-quddies ta' kuljum. Ta' min jgħid li l-knisja, li nbniet wara r-riformi li saru fil-Konċilju Vatikan II, għandha artal wieħed li huwa ċ-ċentru tal-attenzjoni, peress li l-kongregazzjoni miġbura fil-korsija tkun imdawra madwar l-istess artal.






Il-mixja ta' din il-komunità Karkariża kompliet billi nhar il-15 ta' Ġunju 1969, din il-knisja twaqqfet bħala Viċi-Parroċċa u ġiet mogħtija d-drittijiet u s-setgħat kollha ta' Parroċċa. B' hekk setgħet taqdi aħjar il-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi.

Iktar tard, fis-sena 1973, din il-knisja saret ukoll Parroċċa awtonoma, bil-qofol jintlaħaq nhar is-Sibt 26 ta' Mejju, meta l-Kanonku Dun Karm Aquilina, li kien diġà qed iservi bħala Vigarju-Kurat, ingħata l-pussess bħala l-ewwel Kappillan. Kif inhu xieraq, f' dik il-ġimgħa kienu saru festeġġjamenti kbar f' Birkirkara fejn kienu ħadu sehem ukoll iż-żewġ baned Karkariżi ta' dak iż-żmien, jiġifieri il-Banda Duke of Connaught's Own u l-Banda Sant' Elena, flimkien mal-Kapitlu Elenjan.

**50 Sena ta' Servizz Pastorali**

Il-ħtieġa li Birkirkara jkollha iktar minn Parroċċa waħda kien riżultat tat-tibdil kbir li esperjenzat din il-lokalità matul is-snin. Minn raħal rurali, Birkirkara ttrasformat ruħha fl-ikbar belt f' Malta, bl-ikbar popolazzjoni fil-pajjiż. L-urbanizzazzjoni ta' Birkirkara ġabet magħha esiġenzi ġodda li saħansitra wasslu għat-twelid ta' komunitajiet oħra, 'il bogħod miċ-ċentru l-qadim tar-raħal.

Propju fi ftit tal-ġimgħat oħra, ser inkunu qed infakkru meta 50 sena ilu bdiet il-mixja ta' waħda minn dawn il-komunitajiet, komunità li llum tlaħħaq madwar 2,000 familja. Din hi l-komunità mibnija madwar il-Parroċċa ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, Parroċċa b' rabta storika qawwija mal-matriċi ta' Sant' Elena. Dan l-anniversarju ma jfakkarx biss il-50 sena minn meta tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja Parrokkjali, iżda jagħti ġieħ ukoll lil dawk kollha li matul dawn il-ħamsin sena kellhom sehem biex ġie pprovdut servizz pastorali sublimi lil din il-komunità mdaqqsa Karkariża.

*Clayton J. Mifsud*

---

*1. Din il-mitħna għadha wieqfa sal-lum u tinsab fit-triq trafffikuża fil-kantuniera bejn Triq in-Naxxar u Triq Ganu. Illum il-ġurnata sservi ta' esebizzjoni permanenti tal-artist Balzani Gabriel Caruana.*

*2. Iż-żona tal-Imrieħel kienet ukoll inqatgħet mill-Parroċċa ta' Sant' Elena fis-sena 2005, fejn kienet twaqqfet il-Parroċċa ta' Santa Marija, wara restawr estensiv li kien sar fil-Knisja l-Qadima tal-Assunta.*

*3. Fl-istess żmien li fih kienet qed tinbena l-Knisja ta' San ġużepp ħaddiem, il-Patrijiet Tereżjani kienu bdew jibnu dak li llum huwa s-Santwarju ta' Santa Tereża, biswit il-knisja l-antika ta' San Alfons.*

*4. Illum Triq F.S. Caruana.*

*5. F' Birkirkara, dan l-istil rajnieh użat ukoll xi snin qabel, meta kienet inbniet il-Knisja ta' San Franġisk tal-Patrijiet Franġiskani-Konventwali fi Triq l-Imsida.*

*6. Fl-istess żmien, Abraham Schembri kien inkarigat mir-restawr estensiv li kien għaddej fil-Knisja l-Qadima tal-Assunta.*

*7. Propju f' dik is-sena, il-Knisja Kattolika Rumana kienet qed tfakkar l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-festa ta' San ġużepp ħaddiem mill-Papa Piju XII fl-1955. Fil-fatt, il-Knisja universali tiċċelebra din il-festa kull sena nhar l-1 ta' Mejju.*